32005D0866

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-1 ta' Diċembru 2005

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward ta' l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali u l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' l-Irlanda

(2005/866/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni ECB/2005/10 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2005 lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali u l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' l-Irlanda [1],

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Eurosystem jiġu verifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat ta' l-awdituri esterni attwali tal-Bank Ċentrali u l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' l-Irlanda skada u mhuwiex sejjer jiġi mġedded. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2005.

(3) Il-Bank Ċentrali u l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' l-Irlanda għażlu lill-Deloitte & Touche bħala l-awdituri esterni tiegħu mill-bidu tas-sena finanzjarja 2005, u l-BĊE jikkunsidra li huma jissodisfaw ir-rekwiżiti neċessarji għall-ħatra.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE irrakkomanda li l-mandat ta' l-awdituri esterni għandu jkun ta' tliet snin u li jkun jista' jiġi estiż.

(5) Huwa kunsiljabbli li tiġi segwita r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE u li tiġi emendata d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE [2] tal-25 ta' Jannar 1999 għal dan l-iskop,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(5) tad-Deċiżjoni 1999/70/KE għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Deloitte & Touche huma hawnhekk approvati bħala awdituri esterni tal-Bank Ċentrali u l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' l-Irlanda mis-sena finanzjarja 2005 għal perjodu ta' tliet snin, bil-possibbiltà ta' estensjoni.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Maghmula fi Brussel, nhar l-1 ta' Diċembru 2005.

Ghall-Kunsill
Il-President
A. MICHAEL

[1] ĠU C 277, 10.11.2005, p. 30.

[2] ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2005/512/KE (ĠU L 187, 19.7.2005, p. 20).